



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Jannar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0014(NLE)

5696/21
ADD 1

WTO 16
COLAC 6

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 27 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ rigward l-emenda tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII (Akkwist Pubbliku) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 27 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2021) 27 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2021
COM(2021) 27 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat għall-Kummerċ rigward l-emenda tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII (Akkwist Pubbliku) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra

ABBOZZ

DEĊIŻJONI 2/2020 TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ BEJN L-UE, IL-KOLOMBJA, IL-PERÙ U L-EKWADOR

tal-XX 2021

li jemenda l-Appendiċi 1 tal-Anness XII (“Akkwist Pubbliku”) tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra.

IL-KUMITAT TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra, u b’mod partikolari l-Artikolu 191 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 191 tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja, il-Perù u l-Ekwador, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim Kummerċjali”), jistabbilixxi l-proċeduri li bihom Parti tista’ timmodifika jew tirrettifika l-kopertura tagħha tal-akkwist skont it-Titolu VI tal-Ftehim Kummerċjali.
- (2) Is-Subtaqsima 1 dwar l-entitajiet tal-gvern ċentrali tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII, għall-Ftehim Kummerċjali tispjega l-entitajiet tal-gvern ċentrali tal-Kolombja li l-akkwist tagħhom huwa kopert mit-Titolu VI.
- (3) Fil-laqgħa tas-Sottokomitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern tas-17 ta’ Ottubru 2019, li saret f’Bogota, il-Kolombja infurmat lill-Unjoni bl-intenzjoni tagħha li taggħanna l-lista ta’ entitajiet tal-akkwist fil-livell ċentrali billi żżid sitt aġenziji maħluqa wara l-2011, li jappartjenu għal-livell eżekuttiv. Fiż-żmien tal-konklużjoni tan-negozjati għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Kolombja fl-2010, il-kompetenzi attwalment imwettqa minn tali aġenziji kienu eżerċitati minn entitajiet tal-akkwist fil-livell ministerjali. Dawk l-aġenziji bħalissa ma jidhrux fil-lista ta’ entitajiet tal-akkwist fil-livell ċentrali fil-kopertura tal-Kolombja.
- (4) L-Unjoni u l-Kolombja jaqblu li l-lista ta’ entitajiet tal-akkwist fil-livell ċentrali tal-Kolombja għandha tiġi aġġornata billi jiżdiedu dawk is-sitt aġenziji kif stabbilit f’din id-Deċiżjoni.
- (5) Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi mmodifikata s-Subtaqsima 1 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII tal-Ftehim Kummerċjali. L-Unjoni u l-Kolombja jaqblu li tali aġġornament ma għandux jirrikjedi aġġustamenti kumpensatorji, peress li hija emenda minuri skont l-Artikolu 191(2) tal-Ftehim Kummerċjali.
- (6) Id-deċiżjoni li tiġi emendata s-Subtaqsima 1 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII tal-Ftehim Kummerċjali tista’ tiġi adottata fil-Komitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni u l-Kolombja bħala l-Pajjiż Andean firmatarju kkonċernat, skont il-paragrafu 14 tal-Artikolu 3 tal-Ftehim Kummerċjali flimkien mal-paragrafu 12 tal-Artikolu 4, peress li tirrigwarda esklużivament ir-relazzjoni bilaterali bejniethom.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima A tal-Appendiċi 1 tal-Anness XII (Akkwist Pubbliku) tal-Ftehim Kummerċjali, l-intestatura u s-sitt aġenziji li ġejjin jiżdiedu mal-lista tal-entitajiet tal-akkwist fil-livell ċentrali:

“Aġenziji tal-Ferġha Eżekuttiva

29. Agencia Nacional de Minería

30. Agencia Nacional de Infraestructura

31. Agencia Nacional de Seguridad Vial

32. Agencia Nacional del Espectro

33. Agencia Presidencial de Cooperación Internacional de Colombia

34. Agencia de Desarrollo Rural”.

Artikolu 2

L-emenda prevista fl-Artikolu 1 ma għandha tinvolvi l-ebda aġġustament kumpensatorju.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...].

Din id-Deċiżjoni għandha titfassal fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet tal-Ftehim Kummerċjali, b’kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi [...]

Għall-Kumitat għall-Kummerċ